**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Colin Sheldon, Spettur Christian Cauchi)**

**Vs**

**Clifford (Clifford James) Vassallo**

**Kawża Nru. 6286/2025 AC**

**Illum, it-2 ta' Lulju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Clifford (Clifford James) Vassallo** ta' 48 sena, bin Nicholas Vassallo u Mary Grace xebba Vassallo, imwieled Pieta', nhar residenti ġewwa fond numru 37, Block 3, Door B, Flat 7, Triq iż-Żerniq, Siġġiewi u detentur tal-Karta tal-Identita' 0061077M, li kien akkużat talli nhar l-Erbgħa 21 ta' Mejju 2025 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija (21:00hrs) u ħinijiet qabel ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Kiser Ordni ta' Trażżin *ai termini* tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fil-konfront ta' **Charlene Camilleri** imposta fuqu mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien LL.D. datata nhar it-03 ta' Settembru 2024 u dan sabiex jipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija persuna;

2. U aktar talli fl-istess perjodu ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin kiser il-kondizzjonijiet tal-obbligazzjonijiet tiegħu imposti fuqu nhar it-03 ta' Settembru 2024 mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien LL.D. li ma jimmolestjax, ma jdejjaqx u ma jħebbx għal **Charlene Camilleri** taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000) għal żmien tnax-il xahar mis-sentenza ta' nhar it-03 ta' Settembru 2024;

3. Ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Superviżjoni b'sentenza deċiża nhar it-03 ta' Settembru 2024 mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien Ll.D.;

4. Permezz ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku bil-ħsieb li jġiegħel lil **Charlene Camilleri** tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

5. U aktar talli fl-istess perjodu naqas milli jħares kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet maħruġ minn Maġistrat Dr. Victor Axiak LL.D. nhar it-03 ta' Mejju 2025 li bihom kien ingħata l-ħelsien mill-arrest;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' **Charlene Camilleri** billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, din il-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tapplika l-Artikoli 382 u 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' tal-partijiet leżi;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, din il-Qorti tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet

tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-Liġi;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jekk jidhrilha xieraq din il-Qorti tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament u dan *ai termini* tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest nhar il-25 ta' Mejju 2025 quddiem din il-Qorti bħala l-Qorti tal-Għassa, u l-Uffiċjali Prosekuturi l-Ispettur Colin Sheldon u l-Ispettur Christian Cauchi qraw u kkonfermaw l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[1];

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[2], wieġeb li huwa ħati għall-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li huwa ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ippruvati;

---

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 4 *et seq* tal-proċess, u l-akkużi maħlufa bil-ġurament a fol 8 *et seq* tal-proċess

[2] Ara a fol 11 tal-proċess

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

1. Rikors Urġenti tal-Kummissarju tal-Pulizija għall-ftuħ tar-Reġistru tal-Qorti datat il-25 ta' Mejju 2025[3];

2. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/1292/2025[4];

3. *Screenshots* ta' chats u it-tfal tal-imputat Emma Vassallo u Jade Vassallo u l-*Parte Civile* **Charlene Camilleri**[5];

4. *Screenshot* ta' *story* tal-*Parte Civile* **Charlene Camilleri** u interazzjonijiet li kellu l-imputat fuq l-istess *story* u *post* oħra tal-*Parte Civile*, kif ukoll *Friend Request* mill-imputat fuq il-profil tal-*Parte Civile*[6];

5. *Danger Assessment* datat it-22 ta' Mejju 2025 fir-rigward tal-*Parte Civile* **Charlene Camilleri**[7];

6. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[8];

7. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata nhar it-23 ta' Mejju 2025[9];

8. Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija datat it-23 ta' Mejju 2025 għall-ħruġ ta' Mandat t'Arrest fil-konfront tal-imputat[10];

9. Mandat t'Arrest datat it-23 ta' Mejju 2025 fil-konfront tal-imputat[11];

[3] Ara Dok CS1 a fol 7 *et seq* tal-proċess
[4] Ara Dok CS2 a fol 12 *et seq* tal-proċess
[5] Ara Dok CS3 a fol 16 *et seq* tal-proċess
[6] Ara Dok CS4 a fol 18 *et seq* tal-proċess
[7] Ara Dok CS5 a fol 25 *et seq* tal-proċess
[8] Ara Dok CS6 a fol 31 tal-proċess
[9] Ara Dok CS7 a fol 32 *et seq* tal-proċess
[10] Ara Dok CS8 a fol 34 *et seq* tal-proċess
[11] Ara Dok CS9 a fol 37 tal-proċess

10. CD bl-Istqarrija Awdjo-viżwali tal-imputat datata t-23 ta' Mejju 2025[12].

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2025[13], din il-Qorti laqgħet it-talba tad-Difiża għall-Ħelsien mill-Arrest permezz ta' digriet mogħti fl-istess jum[14], b'dan illi ordnat il-ħruġ t'Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat a favur il-*Parte Civile* **Charlene Camilleri**[15];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2025;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

L-imputat kien mixli talli nhar l-Erbgħa 21 ta' Mejju 2025 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija (21:00hrs) u ħinijiet qabel ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Kiser Ordni ta' Trażżin *ai termini* tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fil-konfront ta' **Charlene Camilleri** imposta fuqu mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien LL.D. datata nhar it-03 ta' Settembru 2024 u dan sabiex jipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija persuna;

2. U aktar talli fl-istess perjodu ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin kiser il-kondizzjonijiet tal-obbligazzjonijiet tiegħu imposti fuqu nhar it-03 ta' Settembru 2024 mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien LL.D. li ma jimmolestjax, ma jdejjaqx u ma jħebbx għal **Charlene Camilleri** taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000) għal żmien tnax-il xahar mis-sentenza ta' nhar it-03 ta' Settembru 2024;

---

[12] Ara Dok CS10 a fol 38 tal-proċess
[13] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 4 *et seq* tal-proċess
[14] Ara a fol 39 tal-proċess
[15] Ara a fol 40 tal-proċess

3. Ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Superviżjoni b'sentenza deċiża nhar it-03 ta' Settembru 2024 mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien Ll.D.;

4. Permezz ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku bil-ħsieb li jġiegħel lil **Charlene Camilleri** tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

5. U aktar talli fl-istess perjodu naqas milli jħares kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet maħruġ minn Maġistrat Dr. Victor Axiak LL.D. nhar it-03 ta' Mejju 2025 li bihom kien ingħata l-ħelsien mill-arrest.

Kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għal dawn l-imputazzjonijiet, u wara li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għażel li jikkonferma d-dikjarazzjoni tiegħu ta' ħtija u għalhekk il-Qorti tara li m'għandha ebda triq oħra ħlief li tiddikjara li l-akkużi hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu ġew sodisfaċentement pruvati.

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti ħadet is-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

1. Li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, li għalhekk jinkwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali dwar tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri tal-proċeduri[16], li jfisser li din il-Qorti frankat il-ħin, ir-riżorsi u l-ispejjeż neċessarji sabiex tindaga dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, u l-amministazzjoni tal-

[16] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubbllika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

ġustizzja. Fil-każ odjern, l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu meta tressaq b'arrest quddiem din il-Qorti bħala l-Qorti tal-Għassa;

2. In-natura u l-portata tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat *stante* li twettqu fil-konfront tal-eks-sieħba tiegħu **Charlene Camilleri**, li jinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "***vjolenza domestika***"[17] u "***familja jew unita' domestika***"[18] *ai termini* tal-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Dak dikjarat mill-partijiet fit-trattazzjoni tagħhom fis-seduta tas-16 t'April 2025, u ċioe' li piena karċerarja fil-konfront tal-imputat ma tkunx waħda idoneja fiċ-ċirkostanzi, u l-bżonn tal-imputat li jindirizza l-problema tiegħu ta' alkoħol u d-droga;

4. Il-Fedina Penali tal-imputat, li fost oħrajn tinkludi sejbien ta' ħtija minn din il-Qorti fi proċeduri separati fil-konfront tiegħu nhar it-3 ta' Settembru 2024, minn liema sentenza joriġinaw l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni.

Minn eżami tal-atti proċesswali jibda biex jingħad li minn ammissjoni tal-imputat stess, kien sodisfaċentement ipprovat li għamel kuntatt mal-*Parte Civile* minkejja li kien hemm Ordni ta' Trażżin u obbligazzjoni personali fil-konfront tiegħu a favur tagħha. Kien dan il-ksur, abbinat mal-ewwel u t-tieni imputazzjoni li wassal għal ksur ta' Ordni ta' *Probation* mogħtija minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha fi proċeduri separati nhar it-3 ta' Settembru 2024, kif ukoll ksur ta' kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest a tenur ta' digriet maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Victor G. Axiak nhar it-3 ta' Mejju 2025;

---

[17] "...l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima";

[18] B'referenza partikolari ssir għall-Artikolu 2(d) tal-istess Kapitolu, u ċioe' s-segwenti:

"(d) persuni li qegħdin jew li kienu f'relazzjoni sentimentali u, jew intima;"

Għandu jingħad pero' li apparti l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, mill-atti jirriżulta li meta wieħed iqis it-tip ta' kuntatt li sar mill-imputat mal-*Parte Civile*, u ċioe' *reactions* fuq *posts* tagħha u messaġġ ta' *good night* b'żewġ *emojis* fuq waħda minnhom, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ksur tal-Ordni ta' Trażżin u l-obbligazzjoni personali huwa wieħed relattivament minuri. Iżda jingħad ukoll li filwaqt li l-fatturi msemmija jaħdmu sabiex potenzjalment inaqqsu l-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti tagħmilha ċara li l-ordnijiet tagħha jeżistu sabiex ikunu osservati skrupolożament, u li l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest jingħata bil-kundizzjoni li l-obbligi naxxenti mill-Artikolu 575 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jkunu salvagwardjati. Fil-fatt huwa għalhekk li l-Liġi tagħna tqis il-ksur ta' dawn l-Ordnijiet, senjatament l-Ordni tat-Trażżin u l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, bħala reati *ad hoc* li jġorru piena li saħansitra tinkludi piena ta' priġunerija;

Din il-Qorti tosserva wkoll li f'dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni, jirriżulta li fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fi proċeduri separati nhar it-3 ta' Settembru 2024 ma tissemma l-ebda Ordni ta' Superviżjoni imposta fuq l-imputat. Għalhekk, minn eżami tal-Fedina Penali tal-imputat li turi l-piena erogata fil-konfront tiegħu permezz tas-sentenza imsemmija, u *stante* li l-istess sentenza hija aċċessibbli għal din il-Qorti u li tista' ssir referenza għaliha minkejja li mhux esebita in atti peress li hija meqjusa bħala ġurisprudenza u tista' tkun ċitata, tara li minkejja li l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni msemmija, il-Qorti ma tistax taċċettaha, u dan abbażi tad-dettami tal-Artikolu 392A(3)[19] tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

*In oltre* din il-Qorti tara li minkejja li l-imputat irreġistra ammissjoni fuq il-ħames imputazzjoni dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest datati t-3 ta' Mejju 2025 maħruġa mill-Maġistrat Dr. Victor G. Axiak, li huwa reat *ad hoc* kif imsemmi aktar 'il fuq *ai termini* tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li d-digriet mertu ta' din l-imputazzjoni qatt ma kien esebit fl-atti, tiddikjara li hija sajma mill-prova reġina dwar il-*quantum* tal-garanzija personali imposta fuq l-imputat, u għalhekk m'hijiex f'pożizzjoni

---

[19] "392A. (3) Iżda, meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu ħati."

li tinforza l-provvedimenti tal-Artikolu imsemmi f'dak li jirrigwarda l-konfiska mill-garanzija personali imsemmija;

Tenut kont dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, barra milli tqis li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern li jikkonċernaw ksur ta' natura minuri, ikun aktar idoneju li minflok teroga piena karċerarja effettiva jew waħda sospiża *stante* li hija tal-fehma li tkun eċċessiva, teroga piena pekunjarja. Dan jingħad *in vista* tal-fatt li filwaqt li kienet propensa li tpoġġi lill-imputat taħt Ordni ta' *Probation* fil-massimu tagħha, tara li d-dettami tal-Artikolu 23(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta ma jippermettux li dan isir, hija kostretta li teroga piena pekunjarja fil-konfront tiegħu. Iżżid pero' li sabiex ikun assigurat li l-imputat jindirizza l-problema tiegħu ta' konsum t'alkoħol u d-droga, din il-Qorti tħoss li jkun idoneju li l-imputat jitpoġġa taħt Ordni ta' Trattament *ai termini* tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 382A(1), l-Artikolu 382A(3), l-Artikolu 383(1), l-Artikolu 383(3), l-Artikolu 387 u l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 49(b) u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li **ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena relatat mal-istess akkuża, qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu stess, issib lill-imputat Clifford (Clifford James) Vassallo ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha kif dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' sebat elef, erba' mija u tmienja u tletin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€7,438.23), li *ai termini* tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-ammont dovut għandu jitħallas b'rata mensili ta' mitejn u sitt Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€206.62) fuq perjodu ta' tliet (3) snin**, b'dan illi jekk ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati stabbiliti b'din l-ordni, l-ammont sħiħ rimanenti jkun dovut u jitħallas minnufih, u d-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali li jirrelataw għall-kundanna ta' multa u kwalunkwe piena ta' detenzjoni jew priġunerija f'każ ma jsirx dan il-ħlas, ikunu reżi applikabbli.

*In oltre*, b'żieda mal-piena erogata, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 387 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li s-somma f'garanzija għall-obbligazzjoni personali *ai termini* fl-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) imsemmija fis-sentenza tat-3 ta' Settembru 2024 u riflessa fit-tieni imputazzjoni, tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati, **Clifford (Clifford James) Vassallo** taħt Ordni ta' Trattament **għal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza**, u dan bl-iskop li jindirizza l-problema tal-alkoħol u d-droga, kif ukoll jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku ieħor neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward;

Din il-Qorti spjegat lill-ħati **Clifford (Clifford James) Vassallo** fi kliem ċar u sempliċi ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 412D(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet odjern li permezz tiegħu tqiegħed taħt din l-Ordni;

Din il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għandhom ikunu komunikati minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* lill-ħati **Clifford (Clifford James) Vassallo** li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tiegħu, u għandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament tal-ħati **kull tliet (3) xhur**;

*In oltre* din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati **Clifford (Clifford James) Vassallo** favur il-*Parte Civile* **Charlene Camilleri** **għal żmien tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza**, liema Ordni għandha wkoll tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Clifford (Clifford James) Vassallo** l-provvedimenti tal-Artikolu 532A, 532B u/jew 533

tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' danni sofferti mill-*Parte* Civile, u li ma kien inkarigat l-ebda espert fil-perkors ta' dawn il-proċeduri;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**